**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 187/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marisa Camilleri)**

**vs**

**Steve Ghio, iben Anthony u Joan**
**Nee Balzan, mwieled Pieta' fis-**
**17/1/1976 u residenti Block D, Flat 5,**
**Triq il-Ward, Housing Estate, Zabbar,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 87676 (M).**

**Illum 13 ta' Marzu, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Steve Ghio li gie akkuzat talli fit-23 ta' Lulju, 1999, ghall-habta tal-11.45 p.m., gewwa Pjazza Dun Tarcis, Marsascala,

(1) saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura tal-marka 'Tavria', Reg. No. JAV-617, fi triq jew f'post pubbliku, meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.
(2) Talli wkoll irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs kif mahsub skond il-ligi.
(3) Barra minn hekk talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi, ingurja hedded jew ghamel offiza fuq PS 1330 Schembri, u PC 1290 Micallef, persuni nkarigati minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.
(4) Talli wkoll ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PS 1330 Schembri, ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat irrisponda li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma kellu ebda oggezzjoni biex din il-kwaza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Semghet il-provi kollha prodotta u rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi PS 1330 Alex Schembri xehed illi fl-okkazjoni tal-festa ta' Sant'Anna fit-23 ta' Lulju, 1999, l-imputat kien qed isuq il-vettura JAB-617 sab it-triq maghluqa u dan, cioe l-akkuzat, ried bilfors jghaddi minn gol-marc tal-festa. Qal li hu u PC 1290 Marco Micallef qalu lis-sewwieq jinzel minn gol-karozza u xammewlu riha ta' xorb, qal li beda joffendihom u jinsultahom. Qal li staqsewh jekk riedx jaghmel il-breathilizer, accetta, waslu tal-mobile fuq il-post, tawh il-caution, prova jonfoh darba u mbaghad irrifjuta. Anzi dan ix-xhud qal li l-akkuzat "qalilna li ma riedx jaghmlu." (b'referenza ghal test a fol 13). Qal ukoll li "F'mument minnhom imbotta lili u mbotta lil PC 1290" (fol 13).

Min-naha tieghu PC 1290 Mario Micallef xehed li Steve Ghio ried jghaddi minn triq maghluqa minhabba l-festa, gie mitlub li jistenna ghaxar minuti, telaq, rega' mar lura u meta qalulu biex jghaddi minn triq ohra qalilhom li ma kellux petrol x'jahli. Xehed bhall-kuntistabbli ta' qablu li lill-akkuzat xammlu riha ta' xorb. Xehed ukoll li ghal ftit minuti l-akkuzat ikkontesta l-ordni tas-surgent biex jitfa' fil-genb pero' wara obda l-ordnijiet.

PC 1290 ma kienx f'pozizzjoni jixhed dwar jekk l-akkuzat inghatax il-caution dwar ir-rifjut jew jekk fil-fatt l-akkuzat ghamilx jew le t-test, ghax il-konoxxenza tieghu dwar dan sar jafha minghand haddiehor. Lanqas ma kkorrobora lil PS 1330 fil-fatt li hu gie mbuttat mill-akkuzat.

Xehed PC 647 Ivan Chetcuti, dan qal li l-akkuzat inghata l-caution dwar ir-rifjut ghal darba, tnejn, tlieta, pero' dan irrifjuta. Xehed ukoll li hu ra lil PC 1290 u PS 1330 jwaqqfu lill-akkuzat milli jibqa' sejjer fuq il-banda pero' dan ried jghaddi bilfors.

Xehed l-imputat minn jeddu. Ammetta li darba lill-pulizija infurmawh li ma setghax jghaddi minhabba l-marc, hu kkustinja maghhom ghax dehrlu li t-traffiku kellu jigi mwaqqaf qabel.

Dwar il-caution xehed li qalulu, cioe l-pulizija, li kellu d-dritt li ma jaghmilx it-test, xehed li peress li kien xorob tlieta jew erba' birer u haseb li kien se jaqbez il-kwota ddecieda li ma jaghmilx l-istess test. Zied wara l-caution "Qaluli li jekk ma naghmlux ha nahel xorta. Lili ma spjegawlix x'se nehel. Jien fhimt li se nehel il-multa". Innega l-akkuzat li hu pprova jghaddi cioe jaqsam il-marc meta gie mwaqqaf mill-pulizija.

Rachel Zahra xhud in difesa kkonfermat li l-akkuzat kien ipprotesta mal-pulizija ghax it-triq kienet maghluqa minhabba l-marc. Xehdet li darba li Ghio gie mitlub johrog mill-karozza hu ma offra ebda rezistenza u li lanqas ma rat lill-akkuzat jerfa' idejh fuq xihadd.

Maria Mizzi xehdet li l-akkuzat kien ipprotesta mal-pulizija ghaliex id-deviation kienet qed issir meta wiehed jasal fil-pjazza u mhux qabel. Qalet li meta l-akkuzat gie mitlub biex johrog mill-karozza ghamel hekk minn jeddu u ma offra ebda rezistenza.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm l-imputat ex admissis ammetta li kien xorob tlieta jew erba' fliexken birra, fil-mankanza ta' test li juri kemm fil-fatt kein intossikat jekk fil-fatt kien, ma giex pruvat li hu ma kienx f'kundizzjoni li jsuq. Dana wkoll ghaliex lanqas ma gie ppruvat kemm kien ilu li kkonsuma l-istess xorb.

Dwar it-tieni akkuza il-Qorti hija konvinta li l-akkuzat gie moghti d-debita caution, fehma u ghazel li ma jaghmilx l-istess test. Dan ammess minnu meta qal li hu kien fehem li jekk jirrifjuta li jaghmel it-test xorta kien se jehel il-multa pero' peress li kien xorob tlieta jew erba' fliexken birra beza' li jaqbez fi kliemu l-kwota.

Dwar it-tielet akkuza, huwa veru li PS 1330 Schembri xehed li l-akkuzat imbotta lilu u lil PC 1290 Micallef fatt ukoll li dan Micallef ma kkorroborax lanqas PC 647 Ivan Chetcuti prezenti fuq ix-xena wkoll xehed dwar il-fatt li l-akkuzat beda jargumenta mas-Surgent u li mbotta lill-istess surgent.

Dwar l-ahhar akkuza, jigi rilevat li x-xhieda in difesa t-tnejn xehdu li l-akkuzat ma offra ebda rezistenza meta mitlub jinzel mill-karozza. Pero'

dawn ma xehdux dwar il-fatt li l-akkuzat ried jghaddi bilfors minn triq maghluqa u li inoltre li ma obdiex l-ordni tas-surgent mal-ewwel meta dan talbu biex jitfa' l-karozza fil-genb.

Ikkonsidrat

Illi minn dak kollu premess il-Qorti tillibera biss lill-akkuzat mill-ewwel akkuza u ssibu hati ghax tqishom sufficjentement ippruvati fil-konfront tat-tieni, tielet u r-raba' akkuza u dan wara li rat l-art 15 tal-kap 65 kif emendat, l-art 95(1), u 338(ee) u l-artikolu 17 tal-Kap 9. Dwar il-piena, dwar it-tieni akkuza timmultah Lm 200 u tissospendih ghal sitt xhur mil-licenzji tas-sewqan dwar it-tielet akkuza tikkundannah tliet xhur habs sospizi ghal sitt xhur wara li rat l-art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat l-Art 14(3) tal-Kap 9 u taghtih terminu ta' ghaxar xhur ghall-hlas.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.